

9.2.2022

A9-0354/8

Emenda 8

f'isem il-Grupp ID

Rapport

A9-0354/2021

David McAllister

Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021
(2021/2182(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***Jikkunsidra li politika estera
komuni tal-UE mhijiex possibbli, meta
jitqiesu l-interessi nazzjonali differenti
tal-Istati Membri, li għandhom jiġu
ppreservati u rrispettati; jisħaq li ma
teżisti ebda "sovranià tal-UE" għaliex l-
UE mhijiex stat, u għalhekk ma tistax
tkun sovrana; jenfasizza li l-UE tieħu s-
setgħa tagħha li taġixxi mill-Istati
Membri, u li l-UE tista' taġixxi biss
minħabba dan l-għoti tas-setgħa mill-
Istati Membri;***

Or. en

Emenda 9

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jörg Meuthen
f'isem il-Grupp ID

Rapport**A9-0354/2021****David McAllister**

Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021
(2021/2182(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 22***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

22. *Ifakkar li t-Trattati jipprevedu l-possibbiltà li jitjiebu l-proċeduri deċiżjonali għall-PESK; ifakkar fil-fatt li l-Artikolu 31(2) tat-TUE, li jippermetti lill-Kunsill jieħu ċerti deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet tal-PESK permezz ta' vot b'maġġoranza kwalifikata (VMK), u l-"klawżola passerelle" li tinsab fl-Artikolu 31(3) tat-TUE, li tippredvi l-possibbiltà ta' bidla progressiva f'VMK għal deċiżjonijiet fil-qasam tal-PESK li ma jkollhomx implikazzjonijiet militari jew ta' difiża iżda li jsaħħu s-solidarjetà u l-assistenza reċiproka tal-UE f'każ ta' kriżi; jisħaq fuq il-fatt li l-unanimità li tostakola l-kapaċità ta' azzjoni tal-UE u jhegġegħ għaldaqstant lill-Istati Membri jirrikorru għall-VMK fil-proċess deċiżjonali dwar il-PESK; itenni, b'mod partikolari, l-appell tiegħu għall-introduzzjoni tal-VMK għall-adozzjoni ta' dikjarazzjonijiet dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u deċiżjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet skont il-GHRSR, u għad-deċiżjonijiet kollha rigward missjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) ċivili; jenfasizza li r-rikors għall-Artikoli 31 u 44 tat-TUE jista' jtejjeb il-flessibbiltà u l-kapaċità tal-UE li taġixxi fuq firxa*

22. *Jinsisti li l-votazzjoni unanima dwar kwistjonijiet ta' politika estera fi ħdan il-Kunsill tibqa' fis-seħħ u jisħaq li bidla lejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata dwar kwistjonijiet ta' politika estera se twitti t-triq għal sitwazzjoni mhux mixtieqa li tnaqqar saħansitra aktar is-sovranià tal-Istati Membri; ifakkar li l-ħila li wieħed jidħol f'relazzjonijiet ma' stati oħra, u b'analoġija l-ħila li tiġi ddeterminata l-politika estera, hija waħda mill-elementi ta' bażi tal-istatus ta' stat u tas-sovranià, kif previst fil-Konvenzjoni ta' Montevideo dwar id-Drittijiet u d-Dmirijiet tal-Istati;*

wiesgħa ta' kwistjonijiet tal-politika
estera;

Or. en

9.2.2022

A9-0354/10

Emenda 10

Jaak Madison, Harald Vilimsky, Jörg Meuthen
fisem il-Grupp ID

Rapport

A9-0354/2021

David McAllister

Implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2021
(2021/2182(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***Jinsisti li n-negozjati ta' adeżjoni
kollha mat-Turkija, u l-finanzjament lit-
Turkija, jingħalqu immedjatament u
b'mod irrevokabbli, fid-dawl, fost l-
oħrajn, tar-riskju ta' espansjoniżmu Tork
dejjem jikber fil-Balkani tal-Punent, li
qed ikompli jiddestabbilizza r-reġjun;***

Or. en